PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10555 — ADIA / TRANSURBAN / AUSTRALIANSUPER / CPP INVESTMENTS / WCX)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 31/06)

1. Fl-14 ta' Jannar 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Tawreed Investments Limited ("Tawreed", il-Gżejjer Cayman), ikkontrollata minn Abu Dhabi Investment Authority ("ADIA", l-Emirata Għarab Magħquda),

— AustralianSuper Pty Ltd ("AustralianSuper", l-Awstralja),

— Transurban Holdings Limited ("Transurban", l-Awstralja),

— Canada Pension Plan Investment Board ("CPP Investments", il-Kanada),

— WestConnex ("WCX", l-Awstralja).

Tawreed, AustralianSuper, Transurban and CPP Investments jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' WCX kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' kuntratt jew xi mezzi ieħor.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Tawreed: kumpanija tal-iinvestiment li tiġġestixxi portafoll ta' investiment globali u tiffoka fuq assi tal-infrastrutturi,

— AustralianSuper: fond tal-pensjoni għall-ħaddiema fis-settur industrijali,

— Transurban: operatur ta' toroq bil-pedaġġ li jiġġestixxi u jiżviluppa networks ta' toroq urbani bil-pedaġġ fl-Awstralja, il-Kanada u l-Istati Uniti tal-Amerka,

— CPP Investments: organizzazzjoni għall-ġestjoni tal-investimenti,

— WCX: żvilupp, manutenzjoni, ġestjoni u kummerċjalizzazzjoni ta' toroq bil-pedaġġ fl-Awstralja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10555 — ADIA / TRANSURBAN / AUSTRALIANSUPER / CPP INVESTMENTS / WCX

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-fax jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË